

# TIFKIRIET TAL-IMGĦODDI

minn DUN ĠUŻEPP BRINCAT

Il-konnessjoni tiegħi mal-Knisja ta' Santa Marija, jew kif inhi magħrufa, il-Knisja l- Qadima, tmur lura aktar minn sittin sena. Dak iż-żmien, niftakar li bħala tifel kont immur ngħin il-quddiesa. Kien hemm ukoll tfal minn xi familji oħra, fosthom Joe Brincat.

Dak iż-żmien, madwar il-knisja kien kollu għelieqi b'xi razzett zgħir f'nofshom. Fil-ġenb u wara l-knisja, fejn illum għandna l-bitħa, kien hemm il-ħamrija, ħaxix ħażin, siġar (li wħud minnhom għadhom hemm) u ġebel mit-tifrik tal-knisja. Anke l-ġnien tal-istazzjon kien ferm differenti minn kif inhu llum.

Il-quddiesa ta' kuljum kien jiċċelebrha l-Kanonku Dekan tal-Birgu Dun Ġużepp Glivau. Dan is-saċerdot kien joqghod in-naħa ta' fuq ta' Fleur-de-Lys għaliex flimkien mal-familjari tiegħu kien ġie bħala refuġjat fi żmien il-gwerra. Kien raġel twil, irqiq u b'wiċċu ħamrani. Għalina t-tfal kien bniedem ta' dixxiplina. Iżda fl-istess ħin kien imur tajjeb man-nies. Billi ma tantx kien hemm nies jgħixu fl-inħawi, l-attendenza ma kinitx tkun kbira. Din kienet tiżdied nhar ta' Ħadd.

Kien ikun ċertu Dun Alwiġ Sciberras minn Ħaż Żabbar li jqaddes nhar ta' Ħadd. Dan Dun Alwig kien wieħed mis-saċerdoti msejħa "tal-assistenza".

*ikompli f'paġna 9*

Dawn kienu joqogħdu f'xi kmamar annessi mal-Knisja ta' San Ġakbu fi Triq il-Merkanti, l-Belt, bl-iskop li jekk xi ħadd mill-Belt ikun wasal biex iħalli din id-dinja jmur wieħed minnhom jassistih bis-sagramenti f'dawk l-aħħar mumenti ta' ħajtu.

Tajjeb ngħidu li qabel ma beda r-restawr, il-knisja kienet imsaqqfa biss fejn illum għandna s-sagristija, u hawn kienet tiġi ċċelebrata l-Quddiesa fuq artal tal-injam. Fix-xitwa n-nies kienu joqogħdu fejn kien imsaqqaf, iżda fis-sajf kienu joqogħdu fil-parti mhux imsaqqfa. Dak iż-żmien lanqas mikrofonu ma kien hemm. Tista' timmaġina xi sforz trid tagħmel biex jisimgħek kulħadd! Kien hemm ukoll kamra żgħira fejn kien hemm gwardarobba li fiha kienu jinżammu pjaneti u affarijiet oħra li jintużaw għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Minbarra ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa kien isir ukoll regolarment id-dfin fl-oqbra li kien hemm fil-korsija u fil-ġnub tal-Knisja.

Il-knisja kienu jieħdu ħsieb jiftħuha għall-quddies tnejn min-nies li, volontarjament, kienu jippreparaw l-altar, jixegħlu ix-xema', ilestu l-kotba, l-ostji ecc. Dawn kienu s-Sur Debono, li kien joqgħod fil-bidu ta' Triq Psaila u z-ziju tiegħi John Brincat, li kien joqgħod fil-bidu ta' Triq Fleur-de-Lys. Il-bieb ta' barra kien bħal ta' dar normali u kellhom żewġ imfietaħ kbar li jiftħu u jagħlqu bihom. Billi ma tantx kien hemm sigurtà zijuwi kien kuljum jieħu miegħu d-dar il-kalċi personali tal-Kanonku Glivau. Aktar tard, Joe Brincat, li semmejt aktar il-fuq, kien hu wkoll jieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq tal-knisja.

Meta fl-1957 jien dħalt is-seminarju ma bqajtx nattendi aktar il-Knisja l-Qadima. Sadanittant, bil-mod il-mod beda r-restawr u bdew jiżdiedu n-nies. Meta mbagħad fl-1965 ġejt ordnat saċerdot wieħed mill-ewwel impenji li kelli kien propju li niċċelebra l-quddiesa ta' kuljum fil-Knisja l-Qadima! Strutturalment il-knisja kienet għadha kif ħallejtha meta kont tifel; anke b'xi funeral waqt li tkun għaddejja l-quddiesa. L-istess nies kienu għadhom jagħtu s-servizz tagħhom fil-knisja. Meta mbaghad il-Kapitlu ta' Sant'Elena ddeċieda li jirrestawra l-Knisja din ġiet magħluqa biex jibda x-xogħol tar-restawr.

Dawn huma t-tifkiriet tiegħi. Persuni oħra jiftakru affarijiet oħrajn li tajjeb li jinkitbu.


Ritratt tal-Knisja hekk kif beda ir-restawr.